Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 1012/2011/1

**Francis sive Frank Xuereb**

**vs**

**Michael Daniel Xuereb u Julie Xuereb**

7 ta' Ottubru, 2016.

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz tat-Talba ta' Francis sive Frank Xuereb tal-5 ta' Dicembru 2011 quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar permezz ta' liema huwa ppremetta illi (i) huwa kien ikkonceda lill-ibnu l-konvenut, u lill-mart il-konvenut, entrambi accettanti, il-fond esternament immarkat bin-numru mija u ghaxra (110), fi Triq Rudoplh, Sliema b'titolu ta' lokazzjoni, u dan permezz ta' skrittura privata datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju 2010; (ii) l-konvenuti kellhom ihallsu lill-attur kera fl-ammont ta' erba' mitt Ewro (€400) fix-xahar, u dan in kwantu ghal mitejn Ewro (€200) pagabbli mill-konvenut, u in kwantu ghal mitejn Ewro (€200) pagabbli mill-konvenuta, kif jirrizulta mill-istess skrittura ta' lokazzjoni; (iii) l-konvenuti baqghu ma hallsux il-kera kollha dovuta minnhom skont l-imsemmija skrittura, u (iv) ghad fadlilhom ihallsu l-ammont ta' elfejn Ewro (€2000). Huwa talab ghalhekk lit-Tribunal sabiex jikkundannahom solidalment bejniethom biex ihallsuh is-somma ta' elfejn Ewro (€2,000). Bl-ispejjez u bl-imghax legali.

Rat ir-risposta tal-konvenut Michael Daniel Xuereb tat-3 ta' Jannar 2012[1] permezz ta' liema huwa (i) ma opponiex ghat-talba tal-attur; (ii) madankollu huwa dejjem hallas l-ammonti dovuti minnu skont il-kuntratt ta' lokazzjoni li fuqu hija bbazata l-azzjoni ta' l-attur; (iii) l-eccipjenti u l-konvenuta huma konjugi, u li prezentament jinsabu ghaddejjin minn proceduri ta' firda personali, bis-sahha tar-rikors guramentat bin-numru 294/2011 NC u fl-ismijiet "Julie Xuereb vs. Michael Daniel Xuereb"; (iv) l-ammont reklamat mill-attur jirrapprezenta ammonti mhux imhallsin mill-konvenuta, u dovuti minnha skont il-kuntratt ta' lokazzjoni tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju 2010; (v) per konsegwenza, l-eccipjenti gie mharrek f'din il-kawza biss ghall-integrita' tal-gudizzju, stante li hija martu l-konvenuta li naqset milli tonora l-obbligi kuntrattwali assunti minnha versu l-attur; u (vi) fi kwalunkwe kaz, l-eccipjenti m'ghandux jigi kkundanat ihallas spejjez.

[1] Fol 6

Rat ir-risposta tal-konvenuta Julie Xuereb[2] tad-29 ta' Dicembru 2011 permezz ta' liema hija eccepiet illi l-pretensjonijiet attrici fil-konfront taghha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u kwindi ghandhom jigu michuda.

Rat is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar li ddecidiet hekk:

*"Wara li ra d-dokumenti u semgha lix-xhieda it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-attur fil-bidu verament ried jghin lil ibnu u lil martu tant illi 'ddecieda li biex lil ibnu jkollu kontroll fuq flusu jibda jhallas nofs il-kera. Iddecida ukoll illi nofs il-kera li huwa sehem Julie kellu jmur ghal insurance tat-tifel ta' Julie li mhux iben il-konvenut Michael Daniel, it-tifel Gordon. Filwaqt illi l-attur beda jhallas insurance tat-tifla tal-konvenut Sophia Anne, liema polza tal-insurance ghadha tithallas sa llum.*

*Jidher illi wara xi zmien u wara li nqala dizgwid bejn il-konvenuti u Julie telqet lil iben l-attur, l-attur iddecida li jfittex ghal sehem Julie li ma kienx baqa jithallas.*

*It-Tribunal jara illi l-konvenut Michael Daniel ammetta l-hlas ta' din is-somma. Mentri fir-rigward ta' Julie Xuereb it-Tribunal ihoss illi la darba l-attur iddecida li l-flus tal-kuntratt tal-kera ma jehodhomx hu u jmorru ghal insurance allura dan ifisser li hu kien irrinunzja ghad-dritt tieghu li jircievi l-ammont minghand Julie. Kemm Julie kif ukoll Frank Xuereb l-attur qablu fuq din il-kwistjoni tal-insurance sahansitra l-attur jghid li ried jghin. Ghalhekk il-fatt jekk thallsitx l-insurance jew le tat-tifel li ma hux ta iben l-attur ma tirrigwardax iktar lil attur."*

*Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Julie Xuereb li ma ghandhiex izjed xi thallas lil Frank Xuereb. Filwaqt illi jilqa' it-talba tal-attur ghal hlas ta' elfejn ewro (€2,000) u jikkundanna lil konvenut Michael Daniel Xuereb sabiex ihallas l-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) lill-attur Frank Xuereb. Bl-imghax mid-data tas-sentenza. Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu billi l-attur ihallas is-sehem tieghu u l-konvenuti jaqsmu nofs bin-nofs dak li ghandu jithallas minnhom."*

L-attur appella mis-sentenza. L-appell huwa wiehed parzjali u fih qieghed jitlob ir-riforma tas-sentenza billi (i) tigi konfermata sa fejn din laqghet it-talba tal-attur fil-konfront tal-konvenut Michael Daniel Xuereb; (ii) tigi revokata fejn laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u cahdet it-talbiet tal-attur fil-konfront taghha u jigi deciz minflok li t-talbiet tal-attur fil-konfront tal-konvenuta ghandhom jigu milqugha u l-eccezzjonijiet taghha michuda u li l-konvenuta tigi kkundannata sabiex solidalment mal-konvenut thallas l-ammont mitlub mill-attur; (iii) tigi revokata fejn ordnat li fuq l-ammont dovut lill-attur, l-imghax legali beda ghaddej mid-data tas-sentenza u jigi ordnat minflok li l-imghax fuq l-ammont dovut lill-attur beda ghaddej mill-jum li fih giet istitwita l-kawza u cioe' mill-5 ta' Dicembru 2011; (iv) tigi revokata fejn ordnat lill-attur ihallas l-ispejjez tieghu u minflok tordna lill-konvenuta thallas l-ispejjez taz-zewg istanzi.

Il-konvenuta wiegbet ghal dan l-appell[3]. Il-konvenut iddikjara li joqghod ghad-decizjoni tal-qorti.

Il-Qorti rat l-atti.

---

[2] Fol 7.

[3] Fol 16.

**<u>L-ewwel aggravju: It-Tribunal ma kellux isib li kien hemm rinunzja ta' dritt da parti tal-attur favur il-konvenuta.</u>**

L-appellant jargumenta li l-konvenuta f'ebda hin ma ressqet xi eccezzjoni li l-attur kien irrinunzja d-dritt tieghu li jezigi minghandha l-hlas tal-kera. Barra minn hekk, mill-provi mressqa ma kellha tirrizulta ebda rinunzja ta' tali dritt da parti tal-attur.

Il-Qrati taghna konsistentement irritenew li r-rinunzji ghad-drittijiet jezigu *"kjarezza u univocita'"* [4]. Fil-kaz **Malta Development Corporation vs Plastichem Ltd** deciz fit-22 ta' Mejju 2013[5] il-Qorti kkonfermat il-principju li -

*"r-rinunzja għall-jeddijiet ma tistax tkun waħda mpliċita, iżda trid issir u tingħamel b'mod espress li ma jħalli l-ebda dubju fil-moħħ u l-imġiba tal-kontro-parti li l-kreditur tal-obbligazzjoni ma jkunx tabilħaqq għadu jisħaq għal dak il-jedd*[6]*. Ir-rinunzja tal-jedd żgur ma ssirx b'implikazzjoni jew fuq bażi ta' konġettura*[7]*. U biex parti f'kuntratt titqies li bis-skiet tagħha jew għax toqgħod għal ċirkostanza partikolari tkun b'daqshekk irrinunzjat għal xi jedd tagħha taħt tali kuntratt, iridu jirriżultaw elementi preċiżi li d-duttrina ilha li stabiliet*[8]*" .*

Imbaghad, fil-kaz **HSBC Bank (Malta) plc vs Pirella Supermarkets Ltd** deciz fid-29 t'April 2016[9] intqal -

*"Hu maghruf li r-rinunzja trid kif osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef Tonio Mallia) fil-kawza **Jun Lui et nomine vs Salomo Ulrich** nomine deciza fit-3 ta' Ottubru 2002:- "Rinunzja ta ` dritt, hu risaput, trid tkun cara, inekwivoka u turi l-intenzjoni cara tat-titolar tad-dritt li kien qed iwarrab l-istess. Il-fatt li minnu tista' tigi dezunta r-rinunzja, jrid ikun wiehed li juri (a) il-volonta' preciza li d-dritt qed jigi abbandunat, u li (b) l-fatt huwa assolutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt."*

L-attur isostni li l-konvenuta ma tatx eccezzjoni li hu rrinunzja ghad-dritt li jitlob il-kera. Fir-realta' fl-eccezzjoni l-konvenuta qalet li l-pretensjoni tal-attur hi nfondata fil-fatt u fid-dritt. Eccezzjoni li hi generika. Ghalkemm fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2012 jidher li l-konvenuta giet ordnata biex ticcara l-eccezzjoni, dak li nghad fil-verbal m'huwiex car[10].

Fil-21 ta' Mejju 2010 l-attur iffirma ftehim mal-konvenuti li bih krielhom il-fond 110, Triq Rudolph, Sliema[11], ghall-perjodu bejn il-21 ta' Mejju 2010 u l-20 ta' Mejju 2011, b'kera ta'

---

[4] Ara **William Soler vs Mary Esposito** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Jannar 1995.

[5] Prim Awla tal-Qorti Civili – Cit Nru 299/98JRM.

[6] App. Ċiv. 30.1.1995 fil-kawża fl-ismijiet **Soler vs Esposito** *ibid.*

[7] App. Ċiv. 11.2.1993 fil-kawża fl-ismijiet **Gauci et vs Fenech noe** (Kollez. Vol: LXXVII.ii.223).

[8] P.A. TM 20.10.2005 fil-kawża fl-ismijiet **Anthony J. Terreni vs Dr. Rene' Frendo Randon et** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-3.10.2008).

[9] Qorti tal-Appell – Rik Nru 829/11.

[10] Hekk per ezempju fl-ewwel parti tal-verbal jinghad: *"Dr Sultana tirrileva li kien hemm arrangement bejn il-partijiet illi l-kuntratt ta' kera in kwistjoni kellu jservi ghall-konvenuti."*

[11] Ftehim esibit a fol 63 et seq – Dok FX 1.

€400 kull xahar. Fil-kuntratt jinghad ukoll li l-kera kellha tithallas miz-zewg konvenuti fi kwoti ndaqs ta' €200 kull wiehed, b'dana li sehem Michael Daniel Xuereb kellu jigi awtomatikament imnaqqas mill-paga dovuta lilu[12]. Kuntratt li hu car.

Skont Julie Xuereb, ghall-habta ta' Mejju 2010 il-konvenut zewgha kien ghadu hiereg minn programm ta' rijabilitazzjoni tad-droga u nfurmaha li missieru (l-attur illum appellant) kien offrilhom li joqoghdu fil-proprjeta' tieghu ta' Tas-Sliema. Wara ftit kien kellimha l-istess attur u qalilha li din il-bicca xoghol kien qieghed jaghmilha peress illi xtaq li zewgha ma jkollux hafna flus f'idu minhabba l-programm li kien ghadu kif ghamel. Ghalhekk qalilha biex flok thallas il-kera miftehma fil-ftehim hija kellha tghaddilu €200 fix-xahar biex tithallas polza t'assikurazzjoni fuq it-tifel li hija kellha minn relazzjoni ohra qabel iz-zwieg. Hija tghid li f'diskursata li kellha mal-attur:

*"Hu kien qalli minflok thallas il-kera ghax ma naghmlux xi haga konkreta u l-flus tieghek nifthu insurance ghan-nom tat-tifel u….ccekkja….u qalli li kien sab life insurance ghall-ammont ta' mitejn Ewro fix-xahar."*[13]

Hi tkompli tghid hekk –

*"Jien dawk il-karti tal-insurance iffirmajthom. Frank ghamilieli cara biex lil Michael jiena dan ma nghidulux, kien qalli li ma riedx illi Michael isir jaf illi jiena mhux qed inhallas kera. Frank qalli pero' biex tkun aktar realistika l-bicca, l-ahjar haga hi li niffirma kuntratt ma' Michael il-kuntratt ta' kera u fil-fatt iffirmajna dan il-kuntratt fil-prezenza ta' Frank izda jiena ma kontx qed inhallas il-kera. Jien nispjega li din il-firma tal-kuntratt iffirmajtu kif qalli biex naghmel Frank sabiex Michael ma jkunx jaf b'dak li qed naghmlu tal-insurance tat-tifel. Jiena nghid illi pagamenti ghamilt u tajthom direttament lil Frank Xuereb….stess jew inkella lill-General Manager tal-Kumpanija Xuereb Installations. Dawn il-flus dejjem ghaddejthom cash."*[14]

Min-naha l-ohra, il-verzjoni tal-attur hija pjuttost differenti. Huwa jghid li bejn it-tifel u martu spiss kien ikun hemm dizgwid u kienet tghid li ma kienx jatiha flus. Kien ghalhekk li l-attur issuggerixxa li l-flus tal-kera kellhom jithallsu bin-nofs bejniethom sabiex huwa jkun jaf min qed ihallas u min mhux qed ihallas[15]. Huwa jkompli hekk –

*"Jiena dan il-kuntratt ghamiltu bi skop illi nghin u mhux biex naqla l-flus minghand it-tfal. Jien xtaqt indarrihom illi xejn ma jigi b'xejn u ghalhekk kont ghamilt din il-kera fuq id-dar illi kienu joqoghdu fiha. Il-flus li kont indahhal minn din id-dar il-hsieb tieghi u anzi hekk ghamilt kien illi ma nzommhomx ghalija izda kont iddecidejt illi niftah insurance fuq it-tifel tal-konvenuta Julie Xuereb li jismu Jordan liema tifel mhuwhiex it-tifel ta' Michael Daniel imma huwa t-tifel ta' Julie Xuereb mir-relazzjoni li kellha qabel iltaqghet ma' Michael Daniel, jiena fil-fatt hekk ghamilt u ftaht l-insurance fuq dan it-tifel. Is-sehem tat-tifel tieghi jiena kont tfajtu fuq it-tifla….illi ghandu ma' Julie Xuereb li tigi n-neputija tieghi li jisimha Sophie Ann*[16]*."*

Aktar tard jerga jikkonferma li –

---

[12] F'dik l-epoka l-konvenut Michael Daniel kien jahdem ma' missieru.

[13] Xhieda tal-konvenuta a fol 12.

[14] Fol 13.

[15] Xhieda a fol 60.

[16] Ibid. fol 60 – 61.

*"L-iskop kollu ta' dan il-kuntratt kien illi Julie dejjem kienet tgerger sahansitra mieghi illi t-tifel ma kienx jaghtiha bizzejjed flus u ghalhekk jiena bhala missier biex nirregolarizza din il-pozizzjoni u nkun naf fejn il-flus qed imorru jiena kont ilhaqt ftehim maghhom illi tithallas din il-kera pero' nghid illi kien hemm qbil illi Julie kienet qaltli illi kienet lesta tohrog sehmha mill-kera u jien kont qbilt maghha anzi ssuggerejt jiena illi sehmha mill-kera jmur ghat-tifel taghha Jordan, fil-fatt l-ewwel zewg pagamenti Julie kienet taghthomli u kont iddepozitajthom jekk jidhirli sew fil-kont tat-tifel Jordan"*[17].

F'dan l-istadju u ghal fini ta' dan l-aggravju jigi osservat li ma hemm ebda kontestazzjoni li l-konvenuta Julie Xuereb tat pagamenti ta' €200 lill-attur, ghall-perjodu qasir. Il-konvenuta qalet li hallset dawk il-flus esklussivament sabiex jigu depozitati f'polza tal-assikurazzjoni tal-hajja ghal binha minflok il-hlas tal-kera, filwaqt li l-attur jinsisti li l-flus li tatu Julie kienu bhala hlas tas-sehem taghha tal-kera, liema flus imbaghad huwa uza biex jiddepozitahom fil-kont ta' assikurazzjoni tal-hajja ta' iben l-istess konvenuta.

Il-qorti tqis:-

i. Il-konvenuta ffirmat il-kuntratt ta' lokazzjoni, fejn hemm dikjarat li ser thallas €200 kull xahar lill-attur.

ii. Kull xahar kienet qeghda tithallas is-somma ta' €200, flus li kienu jintuzaw ghall-hlas ta' premium ghal polza ta' assikurazzjoni f'isem il-minuri. Irrizulta li fir-rigward tal-polza saru tlett pagamenti, 22 ta' Gunju, 16 ta' Lulju u 16 ta' Awissu 2010 (ara deposizzjoni ta' Jason Gatt, fol. 26).

iii. Il-konvenuta xehedet, *"Jien domt nghix fid-dar ta' tas-Sliema, li hi proprjeta ta' Frank Xuereb, minn Mejju tal-2010 sa Awissu tal-2010. Jiena ma bqajtx noqghod hemmhekk peress illi kelli argument ma' Michael li beda mix-xejn u spicca biex tefghani fil-koxxa tal-bieb u spiccajt bil-punti f'rasi."* Hu evidenti li minn Settembru 2010 il-konvenuta ma komplitx thallas is-somma ta' €200 peress li f'Awissu telqet mid-dar. Tant ma komplitx thallas li b'ittra tat-13 ta' Settembru 2010 (fol. 30), l-attur talab lil HSBC Life Assurance Malta plc sabiex b'effett immedjat jikkancellaw id-*direct debit instructions* ghas-somma ta' €200 mill-kont tieghu biex jithallas il-premium tal-polza ta' assikurazzjoni.

Il-fatt li f'Awissu 2010 telqet mid-dar ma jfissirx li kien spicca l-obbligu tal-hlas. Madankollu jirrizulta li l-polza ma baqatx tithallas. L-attur xehed li l-konvenuta kienet ikkancellat il-polza; *"Jiena nghid illi Julie kienet qaltli illi kienet ser twaqqaf il-polza meta ahna konna qbilna bejnietna li mhix ser thallas iktar il-kera. Anzi nghid illi mhux qbilna bejnietna izda nfurmatni li mhux ser tibqa' thallas il-kera."* (fol. 62).

Il-qorti hi tal-fehma li effettivament kien sar ftehim bejn l-attur u l-konvenuta li titwaqqaf l-insurance f'isem il-minuri u l-konvenuta ma tkomplix thallas il-kera. Hu evidenti li l-pagamenti min-naha tal-konvenuta lill-attur, waqfu meta l-konvenuta ma komplitx tghix fil-fond tal-attur. Il-qorti tifhem li kien f'dak l-istadju li giet kancellata l-polza ta' assikurazzjoni. Hu evidenti li l-attur qatt ma ried jaghmel gwadann personali minn din il-kirja. Kien proprju ghalhekk li l-flus li

[17] Xhieda a fol 74-75.

kien jircievi ntuzaw biex jithallsu poloz ta' assikurazzjoni f'isem il-minuri, cjoe' bint il-konvenuti u t-tifel tal-konvenuta. Hu probabbli li ladarba f'Awissu 2010 il-konvenuta ma baqatx tabita fil-fond tal-attur, kienu ftehemu li mhux ser tkompli thallas is-somma ta' €200 u tithassar il-polza. L-attur xehed: *"Mistoqosi jekk qalulix tal-insurance, jien nghid anzi mhux tal-insurance qaluli izda ghidtilhom jiena sabiex imorru jkellmu lil Julie peress illi kienet lesta biex tiffirma biex taghlaq l-insurance."* (fol. 62). Kliem li juri li l-attur u l-konvenuta ddiskutew bejniethom u ftehemu li tigi kancellata l-polza, li kienet marbuta mal-kera. Fuq bazi ta' probabilita' l-kancellament tal-polza kienet tfisser ukoll qbil li mhux ser tithallas il-kera, gialadarba l-kera kellha tithallas biex tithallas il-polza ta' assikurazzjoni f'isem il-minuri. Ladarba l-konvenuta telqet mid-dar u l-polza giet kancellata bi qbil bejn l-attur u l-konvenuta, ma kienx hemm kera x'tithallas. L-attur stess xehed kien hemm qbil mal-konvenuta li ma tkomplix thallas iktar kera, ghalkemm kien pront ikkorega ruhu u qal li *"... mhux qbilna bejnietna izda nfurmatni li mhux ser tibqa' thallas il-kera."* Il-qorti temmen li effettivament kien hemm qbil li l-konvenuta ma tkomplix thallas il-kera. Il-konvenuta xehedet: *"F'dan iz-zmien kollu Frank qatt ma avicinani ghal xi kera u qatt ma kellimni peress illi kien hemm xi pagamenti b'lura tal-kera."* (fol. 14). Fatt iehor li jkompli jsahhah il-fehma tal-qorti li kien hemm qbil li ma tithallasx il-kera. Fil-fatt jidher li kien biss wara li l-konvenuta pproponiet kawza ta' separazzjoni (**Julie Xureb vs Michael Daniel Xuereb**, 294/2011[18]), li l-attur ippropona din il-kawza.

Ghalhekk dan l-aggravju hu michud.

**<u>It-tieni aggravju - Il-konvenuta hi dejjem obbligata ghall-kreditu tal-attur daqs il-konvenut, in virtu' tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom.</u>**

In vista ta' dak li nghad hawn fuq b'riferenza ghall-ewwel aggravju, it-tieni aggravju ma jistax jirnexxi.

Il-qorti kkonkludiet li bejn l-attur u l-konvenuta sehh ftehim li ma thallasx iktar kera. Ghalhekk l-attur m'ghandux jedd jippretendi hlas minghandha, irrispettivament mill-fatt li l-konvenuti ghandhom il-komunjoni tal-akkwisti. Il-fatt li s-sentenza tat-Tribunal hi gudikat fil-konfront tal-konvenut li ddikjara li ma jopponix it-talba tal-attur, m'ghandux jippregudika l-posizzjoni tal-konvenuta.

**<u>It-tielet aggravju – l-imghax.</u>**

L-appellant isostni li f'kazijiet ta' din ix-xorta, id-dritt tal-kreditur ghall-imghaxijiet jibda mill-jum li fih id-debitur jitqieghed *in mora* kif provdut fl-artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili.

L-obbligazzjoni tal-konvenuti tirrizulta mill-kuntratt ta' lokazzjoni. B'applikazzjoni tal-Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili, l-imghax hu dovut mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba. Ghalhekk dan l-aggravju hu gustifikat.

[18] Saret riferenza ghaliha fit-twegiba li l-konvenut ipprezenta quddiem it-Tribunal (fol. 6).

**Ir-raba' aggravju - Spejjez tal-kawza.**

L-appellant qieghed jitlob ukoll li tigi revokata s-sentenza fejn din ordnatlu jhallas l-ispejjez tieghu u minflok tiddeciedi li l-konvenuta Julie Xuereb thallas l-ispejjez taz-zewg istanzi.

Dan l-aggravju hu michud peress li l-appell, fil-konfront tal-konvenuta, mhux ser jintlaqa'.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

1. **Tichad l-appell tal-attur fil-konfront tal-konvenuta, bl-ispejjez kontra tieghu.**

2. **Tirriforma s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-25 ta' Settembru 2014[19], fis-sens li fil-konfront tal-konvenut l-imghax jiddekorri mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba.**

3. **Spejjez tal-appell jithallsu ghal dak li jikkoncerna spejjez tal-attur, 90% a karigu tieghu u 10% a karigu tal-konvenut. Ma jirrizultax li l-konvenut kellu xi spejjez gialadarba ma pprezentax twegiba ghar-rikors tal-appell[20].**

Anthony Ellul.

[19] Tibqa' kif inhi dik il-parti tas-sentenza li kkundannat lill-konvenut Michael Daniel Xuereb sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn euro (€2,000).

[20] Permezz ta' nota prezentata fit-22 ta' Lulju 2016 (fol. 30), ta ruhu b'notifikat bl-avviz ta' smiegh.